MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1528/2001/1

**It-Tabib Dottor Paul Daniel Micallef.**

**-vs-**

**It-Tabib Principali tal-Gvern.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-12 ta' Settembru 2001, li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fl-erbatax (14) ta' Novembru 1992, quddiem in-Nutar Cora Vella, l-attur dahal f'kuntratt mal-konvenut Tabib

Principali tal-Gvern, li permezz tieghu irrikonoxxa li giet moghtija lilu borza ta' studju sabiex isegwi kors ta' tliet snin ta' *Clinical Psychology* ma' l-Universita' ta' Birmingham, l-Ingilterra.

Illi l-attur obbliga ruhu li wara li jtemm l-imsemmi kors, huwa jipprovdi s-servizzji tieghu lill-Gvern ta' Malta ghal perjodu ta' hames snin.

Illi inoltre l-kuntratt imsemmi jaghmel riferenza ghal "the conditions laid down in Appendix Three to Section Ten of the Government Establishment Code", illi jistipulaw:

*9. The scholarship holder may also be required to refund all or part of the expenses incurred by Government on his behalf and in connection with his scholarship*

*(a) if this is supended or terminated for any reason;*

*(b) if he fails to complete the course successfully; or*

*(c) if he fails to serve the Government as stated in paragraph 3 above.*

*For this purpose the scholarship holder may be required to enter into a formal act of hypothecation with Government before departure.*

Illi l-attur permezz ta' l-istess kuntratt imsemmi ggarantixxa tali obbligi permezz ta' ipoteka generali favuri il-Gvern ta' Malta fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf tliet mija u erbgha u sittin lira Maltin.

Illi fi tmien il-kors imsemmi l-attur ma giex offert impjieg adegwat mal-Gvern ta' Malta, u dan b'nuqqas min-naha tal-

konvenut Tabib Principali tal-Gvern.

Illi madankollu, l-attur ipprovda servizzji li minnhom ibbenefika l-Gvern ta' Malta, fosthom servizzji resi direttament lill-Gvern ta' Malta.

Illi minkejja dan kollu, il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern iddecieda li jagixxi gudizzjarjament ghar-rifuzjoni tas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mija u wiehed u sittin lira Maltin, kif jirrizulta mill-Mandat ta' Sekwestru Numru 1386/01 fl-ismijiet ***Tabib Principali tal-Gvern vs Paul Micallef****,* datat ghaxra (10) ta' Mejju 2001.

Illi l-attur jixtieq permezz tal-proceduri odjerni jimpunja tali decizjoni amministrattiva a bazi ta' l-artikoli 469A(1)(b)(iv) Kap. 12 Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-pretensjonijiet tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi naqas mill-istess konvenut illi joffri lill-attur impjieg adegwat.

Illi l-attur jixtieq ukoll permezz tal-proceduri odjerni jimpunja tali decizjoni amministrattiva a bazi ta' l-artikoli 469A(1)(b)(iii) Kap. 12 Ligijiet ta' Malta, in kwantu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke kieku stess kellu jirrizulta li l-attur naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu, il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern kellu ai termini tal-klwsola fuq citata ta' l-*Estacode* juza d-diskrezzjoni tieghu sabiex jiddeciedi jekk jitlobx ir-rifuzjoni tas-somma fuq imsemmija, u f'tali kaz, jekk jitlobx ir-rifuzjoni tas-somma fuq imsemmija, u f'tali kaz, jekk jitlobx tali rifuzjoni *in toto* jew *in parte*; in vista ta' tali latitudni ta' diskrezzjoni u in vista tac-cirkostanzi fuq deskritti, jigi sottomess illi l-konvenut ha decizjoni amministrattiva li fic-cirkostanzi tikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika tieghu, billi tali decizjoni ttiehdet ghal ghanijiet mhux xierqa jew imsejjsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

Tiddikjara nulla, invalida u minghajr effett fil-ligi u *ultra vires*, ai termini ta' l-artikolu 469A(1)(b)(iii) u (iv) Kap. 12 Ligijiet ta' Malta, id-decizjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern li jfittex u jitlob gudizzjarjament permezz ta' l-atti minnu intavolati, *in toto* u/jew *in parte*, is-sanzjonijiet previsti fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Cora Vella ta' l-erbatax (14) ta' Novembru 1992.

Bl-ispejjez legali, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta Awissu 2001, bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-ligi, u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fit-8 ta' Novembru 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni ta' l-attur hija preskritta ai termini ta' Artikolu 469A(3) u dana stante li l-azzjoni amministrattiva li ghaliha qed jaghmel referenza l-attur inbdiet fl-24 ta' Settembru 1998 permezz ta' ittra ufficjali liema ittra ufficjali kienet notifikata lill-attur fit-3 ta' Marzu, 1999.

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ntbaghat jaghmel kors ta' tlett snin fi Clinical Psychologu u ghalhekk jinhatar Professional Officer I (Clinical Psychologist) mad-Dipartiment tas-Sahha, post li applika ghalih hu stess.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ai termini tal-kuntratt pubbliku ta' l-4 ta' Novembru 1992. L-attur kellu obbligu kontrattwali li jaghti s-servizz tieghu lil Gvern. Di piu' huea kellu wkoll fin-nuqqas,

jirrifondi s-somma mhallsa lil Gvern liema somma sal-lum ghadha ma thallsitx.

4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Artikolu 469 (1) (b) (iii) tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili huwa inaplikabbli ghal kaz in ezami stante u l-att amministrattiv de parti tal-konvenut kien skattat unikament mir-rifjut ta' l-attur li jaghti s-servizz lil Gvern jew li jirrfondi s-somma mhallsa mil-konvenut tul it-tlett snin kors f'Birmingham, u dan bi ksur ta' obbligazzjonijiet kontrattwali minnu assunti fil-kuntratt pubbliku tal-4 ta' Novembru 1992.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa minn Dr. Raymond Xerri u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Ikkunsidrat.

Illi l-eccezzjoni hija fis-sens illi l-kawza ma gietx intavola entro s-sitt xhur imsemmija fl-artikolu 469A tal-Kap. 12.

Ic-citazzjoni tindika car li l-azzjoni qed issir ai termini ta' dan l-artikolu. L-attur qed jitlob illi din il-Qorti tannulla d-decizjoni tal-konvenut illi jipprocedi gudizzjarjament kontra tieghu a bazi tal-kuntratt imsemmi …

Id-definizzjoni ta' *eghmil amministrattiv* taht is-subartikolu 2 tal-imsemmi artikolu hija:

*Il-hrug ta' kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut …li jsir minn awtorita' pubblika.*

Il-fatt li l-atturi qed jitolbu d-dikjarazzjoni imsemmija fuq il-bazi li l-istess agir kien illegali jidher li jinkwadra ruhu taht is-subartikolu 1 meta jghid illi hemm gurisdizzjoni tal-Qrati meta l-eghmil in kwistjoni ikun *x'mod kontra l-ligi*. Ghalhekk id-decizjoni li jittiehdu proceduri legali emanat minn ordni.

Stabbilit dan, wiehed irid jara jekk l-eccezzjoni imsemmija ghandhiex tigi milqugh. Il-fatti huma li l-azzjoni giet intavolata fit-12 ta' Settembru 2001 wara li inhareg mandat ta' sekwestru kontra l-attur f'Mejju 2001. Kwindi palesament qabel is-sitt xhur imsemmija. Madankollu l-konvenut qed isostni li l-perjodu imsemmi ghandhu jibda ghaddej minn meta l-attur ircieva l-ittra ufficjali fl-1999, liema att intbaghat appuntu biex jintalab il-hlas li imbaghad ghalih inbdew il-proceduri.

Il-Qorti taqbel ma' dan. Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Co-op Services Limited vs Awtorita' dwar it-trasport pubbliku deciza fil-25 ta' Settembru 2003:

*Illum hu stabbilit li z-zmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469 A tal-Kap. 12 hu wiehed ta' dekadenza (ara sentenza G. Zammit vs Awtorita' tal-Ippjanar PA 2 ta' Frar 2000). Dan ifisser li tali terminu ma jigix interrot jew sospiz bhal ma jigri gil-kaz tat-terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem iehor l-atti gudizzjarji li normalment jitqiesu bhala tajbin biex jinterrompu l-perjodu preskrittiv, jew il-fatt li jkunu ghaddej diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-eghmil amministrattiv ma jservu xejn biex izommu l-moghdija ta' sitt xhur li ssemmi l-ligi.*

*… Il-ligi ma tghidx li z-zmien jibda ghaddej minn meta l-parti interessata tircievi taghrif formali jew ufficjali miktub dwar id-decizjoni. Tghid biss li z-zmien ta' sitt xhur jibda jghaddi minn dak in nhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-eghmil, liema data tigi l-ewwel.*

Illi ghalhekk f'dan il-kaz is-sitt xhur bdew ghaddejjin minn meta l-attur ircieva l-ittra ufficjali ghaliex id-decizjoni tal-konvenut ittiehdet qabel ma ntbaghtet l-ittra. Naturalment l-attur sar jaf bid-decizjoni meta ircieva dan l-att gudizzjarju.

**Ghal dawn il-mottivi  il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjes ghandhom jigu sapportati mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------